**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt

Minuti tal-laqgħa numru sitta (6) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet nhar it-Tnejn, 11 ta' Novembru 2019 fis-6.00pm fil-Bini Muniċipali tal-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Omar Farrugia | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Owen Sciberras | Kunsillier |
| | Jonathan Dingli | Kunsillier |
| | Henry Zaffarese | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| SKUŻAT: | Nathan Aquilina | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**06.01 Talba**

Is-Sindku qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

**06.02 Qari ta' Ittri ta' apoloġiji**

Kien skużat Nathan Aquilina, l-ambaxxatur taż-Żgħażagħ wara li bagħat jinfurmana fis-7 ta' Novembru li ma setax ikun magħna.

Fil-bidu tal-laqgħa l-kunsillieri laqgħu lil Marouska Zahra u faħħruha għax-xogħol tagħha fix-xahar li ilha taħdem magħna. Hija irringrazzjathom u ħarġet-il barra mil-laqgħa ftit minuti wara.

**06.03 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti**

Id-Deputat Sindku għamlet xi korrezzjonijiet fuq il-minuti kif jidhru fuq il-kopja oriġinali u dawn kienu imressqa għal vot mis-Sindku u ssekondati minn Henry Zaffarese. Kien hemm vot unanimu u dawn kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti:**
Grace Marie Zerafa talbet ir-rapport dwar il-ħsarat tal-latrina. Jonathan Dingli qal li dan għadu ma sarx pero' jirriżulta illi mill-aħħar li ltaqa' l-KLM 'l hawn kien hemm ilma ħiereġ minn mal-angle valves u reġgħet staddet u mtliet bil-ħmieġ. Id-DSE qal illi se jsir is-CCTV scan fil-latrina biex ikun aċċertat li m'hemmx xi ħsara fid-drenaġġ taħt il-madum tal-art. Il-ħaddiema tal-RSS bidlu id-direzzjoni 'l fejn kienet tinfetaħ it-tieqa biex ħadd ma jolqot rasu magħha peress li din tinfetaħ għal fuq ir-rampa. Jirriżulta wkoll illi l-parapett qed iżomm l-ilma tax-xita. Id-DSE kien mitlub sabiex jikteb lill-Perit dwar dawn in-nuqqasijiet, peress li dan suppost iċċertifika x-xogħol.

Grace Marie Zerafa qalet illi għall-Buffet Breakfast kien hemm 121 ruħ u kien hemm €325 qliegħ minnu u issa hemm imġemmgħin €431 għall-Community Chest Fund.

**06.04 Il-proċess tal-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv-rakkomandazzjoni tal-bord tal-għażla**

Dwar l-ingaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsillieri illi għada jerġa' joħroġ l-avviż mill-ġdid fuq il-Gazzetta tal-Gvern.

Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba iddeċieda illi d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ikun il-Project Leader biex ikun jista' japplika għall-Miżura 1: Restoration of assets of artistic and cultural value. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**06.05 Performance bonus tal-*Community Works Officer***

Kien imressaq il-performance bonus ta' Josef Farrugia, ħaddiem tal-*Community Workers Scheme*. Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba se jagħti il-performance bonus sħiħ ta' €450 wara li dan tressaq għal vot minn Omar Farrugia u ssekonda Henry Zaffarese u għadda b'vot unanimu.

**06.06 Appell PA3347/16 Petrol Station Triq il-Belt Valletta, l-Imqabba**

Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba se jibqa' jsegwi l-appell tal-proposta ta' Petrol Station fi Triq Valletta. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill jibqa' jagħmel l-oġġezzjoni tiegħu għal dan l-iżvilupp propost f'ODZ.

**06.07 Talba għal kumpens ta' ħsarat fuq vettura**

Is-Sindku semma' t-talba li rċieva sabiex jingħata kumpens fuq il-vettura tas-Sur James Farrugia, liema każ kien seħħ is-sena li għaddiet. Dwar dan ma' kienx hemm qbil unanimu.

**06.08 Solidarity Fun Run**

Is-Sindku qal illi hu se jattendi għas-Solidarity Fun Run 2019 u qal illi tkun ħaġa tajba li nipparteċipaw u fuq kollox ikun hemm rappreżentanza tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba.

**06.09 Laqgħa Pubblika tal-lokalita'**

Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba se jkun qed jorganizza il-laqgħa pubblika tal-lokalita' nhar is-7 ta' Jannar 2020 fil-librerija pubblika tal-Imqabba. Dan biex il-pubbliku jagħmel il-proposti tiegħu għall-Budget 2020.

**06.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-ħruġ ta' Offerta Pubblika għal *Contracts' Manager* fuq kuntratti ta' tindif**

Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba approva d-dokument propost mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-offerta tal-*Contract Manager* li kien ippreżentat mal-Agenda. Intant dan mhux se jkun qed jgħodd għall-kuntratt tad-dwal tat-toroq u tal-Marki u s-Sinjali tat-Traffiku. Għaldaqstant se jkun qed joħroġ l-offerta pubblika biex ikun ingaġġat *contract manager* fuq il-kuntratt tal-knis, ġbir ta' skart/goff u latrini pubbliċi. Se nkunu qed noħorġu wkoll sejħa pubblika għal perit.

**06.11 Applikazzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-Fondi tal-LESA**

Il-kunsillieri ikkonfermaw dak li kien ċirkulat aktar kmieni matul il-ġimgħa l-oħra u applikajna għall-fondi tal-LESA kif indikat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex ikunu installati il-fanali dekorattivi tad-dwal tat-toroq fir-raħal tal-Imqabba.

**06.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tat-Tielet kwart**

Kien imressaq għal vot ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena minn Omar Farrugia u kien sekondat minn Grace Marie Zerafa. Dan ir-rapport għadda għal vot u kien hemm vot unanimu biex ikun pubblikat.

**06.13 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti numru 568.**

Kienet imressqa għal vot iċ-ċedola tal-pagamenti numru 568 minn Henry Zaffarese u ssekondata minn Owen Sciberras u din kienet approvata kollha minbarra items 56 u 66.

**06.14 Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jkun imiss.**

Il-Kunsill se jżomm il-laqgħa tiegħu nhar il-5 ta' Diċembru 2019.

**Punti oħra li tqanqlu waqt il-laqgħa.**

- Omar Farrugia qal illi wara tant taħbit issa issewwew l-aħħar tliet **fanali dekorattivi** li kienu inqatgħu meta saru x-xogħlijiet temporanji fuq il-**bankina** ta' Triq Karmenu Ciantar. Hu qal illi issa trid tittieħed deċiżjoni jekk din il-bankina hux se ssir konkos biss jew inkella patterned concrete u d-differenza fil-prezz bejniethom iħallasha l-Kunsill peress li l-kuntrattur ta' Infrastruttura Malta offra li jagħmilha hu stess.

- Omar Farrugia qal illi l-KLM kellu l-inkwiet fuq il-kanna tad-drenaġġ fi Sqaq Buħar, liema sqaq jagħti għall-barriera tal-irdim. Hu qal illi tkellem ma' Infrastruttura Malta peress li x-xogħol kien tagħhom u dawn riedu illi tingħalaq il-barriera matul il-ġimgħa li għaddiet. Ix-xogħol sar u sadanittant it-trakkijiet reġgħu bdew jgħaddu minn Triq Valletta minkejja li hu avża lil sid il-barriera biex ma jħalluhomx jgħaddu. Għaldaqstant, is-Sindku iltaqa' ma' Uffiċjal tal-Komunita' u bħal issa qed issir siegħa/siegħa u nofs sorveljanza kuljum biex ma jidħol l-ebda' trakk aktar wiesgħa minn 2.2 metri minn Triq it-Torri. Jirriżulta wkoll illi kien hemm agressjoni minn wieħed mis-sidien tat-trakkijiet skont is-Sindku.

- Il-KLM iddeċieda li jżid il-***cameras*** **tas-sigurta'** bl-IP magħhom (linja tat-telefon addizzjonali) u fl-istess ħin jirkupra fondi tar-Reġjun Nofsinhar. Id-DSE qal illi dawn iridu jsiru fejn hemm diġa' l-kurrent elettriku għaliex m'hawnx fis-suq cctv's jaħdmu bid-dawl tax-xemx li huma meqjusa *reliable*. Kien hemm diversi suġġerimenti fosthom li jiddaħħal l-IP mal-cameras ta' ġnien Onġi Onġella u saħansitra fi Ġnien ta' Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira, kif ukoll fil-By-Pass u jieħdu l-kurrent mil-kaxxa tad-dawl li hemm mal-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju. Dwar il-by-pass, Jonathan Dingli qal illi fiha jistgħu ikun hemm diversi **kaxxi tad-dawl** biex anke jinqdew il-kabbani u kaxxa minnhom għandha titpoġġa fil-Pjazza tal-Knisja u kulħadd jagħmel użu minnu u jħallas tal-konsum. Dwar din tal-aħħar is-Sindku qal illi se ssir mal-ħajt tal-kappella ta' Santa Katerina. Owen Sciberras qal illi din tista' ssir bħal tal-Marina li saħansitra taħdem bil-*card.*

- Henry Zaffarese qal illi l-**lampi ta' Ġnien Tfal ir-Raħal** huma kollha maqtugħin u hemm dalma kbira.

- Is-Sindku semma' l-problema tal-**qlugħ tal-Pjazza tal-Knisja** u din issa mhix dehen illi tintrama' fil-Milied. Għaldaqstant qed ikun propost illi l-każini tal-Madonna tal-Ġilju

jarma Triq Karmenu Ciantar permezz tal-antarjoli fl-istess triq. Diffikulta' oħra hija illi l-armar li s-soltu kien isir minn Nexos Street Lighting ma jistax isir għax dan mhux disponibbli.

- Grace Marie Zerafa qalet illi iridu wkoll jinxtraw il-**ġugarelli tal-party tat-tfal tal-Milied** u jinġiebu l-istimi tal-catering u jkunu servuti items li jittieklu l-aktar mit-tfal bħal sausage rolls u nuggets.

- Owen Sciberras ippreżenta proposta għan-nom ta' Antoine Farrugia u Ryan Vella, residenti r-raħal, f'forma ta' ittra li qraha fil-laqgħa fejn qed jiġu proposti **erba' siġriet fil-Pjazza tal-Knisja**. Dwar dan id-DSE qal illi kulħadd jiftakar fiż-żewġ siġriet li kien hemm imħawwla quddiem il-knisja fil-konok u l-pressjoni li kellna mil-każini tal-banda biex jinqalgħu u baqgħu sakemm inqalgħu. Jista' jkun illi dawn ma kienux addattati u kienu gguffaw u dak propost jista' jkun kontrollat aktar aħjar. Il-KLM iddeċieda illi jħalli x-xogħol tal-pjazza għaddej u kemm-il darba jiddeċiedi aktar tard jinfetħu l-konok mill-ġdid.

- Owen Sciberras staqsa għal-**lista ta' kuntatti tal-kuntratturi**, awtoritajiet u dipartimenti tal-gvern li jkunu relatati mal-kunsillier u d-dekasteru tiegħu. Din se ssir fil-jiem li ġejjin biex kulħadd jieħu ownership tad-dekasteru.

- Grace Marie Zerafa talbet illi jkunu **pubblikati il-proponenti ta' dawk li kienu nominati għal premju Ġieħ l-Imqabba.** Ma kienx hemm oġġezzjoni għal dan.

- Grace Marie Zerafa talbet tagħrif dwar id-doggy bins li kienu ordnati. Id-DSE qal illi se jiġri wara s-*supplier* ħalli dan iġibhom.

- Grace Marie Zerafa ilmentat minn **Greenpak Co-op** għaliex dawn boroż ħodor mhux ituna filwaqt illi l-I Bins mhux ikunu monitorjati. Għaldaqstant is-Sindku talab laqgħa ma' uffiċjal tagħhom.

- Grace Marie Zerafa irrakkomandat illi jsir **Afternoon Tea** nhar l-1 ta' Diċembru 2019. Dwar dan id-DSE se jagħmel kuntatt mas-Surmast tal-Iskola peress li qed ikun suġġerit illi dan isir hemmhekk.

- Jonathan Dingli talab illi ssir **tindifa fi Triq Valletta l-Qadima** u sabiex issirlha manutenzjoni bi ftit cold asphalt.

- Jonathan Dingli semma' **arblu illi twaħħal fi Triq il-Madonna tal-Ġilju** biex jinqalgħu il-wires minn mal-faċċata ta' dar. Jirriżulta illi l-Enemalta jew aħjar il-kuntrattur tagħha għamlu ħsarat fuq il-faċċata ta' resident ieħor li joqgħod hemmhekk. Dan se jfittixhom u l-KLM se jkun jiddefendi lir-resident.

- Jonathan Dingli semma' l-**ħajt tas-sejjiegħ fi Triq it-Torri Vincenti** li qal illi dan mhux sod f'partijiet viċin fejn għandhom il-propjeta' il-qraba tal-Viċi Sindku. Dan inħass issa li tlestiet it-triq mit-tarmac. Il-KLM iddeċieda illi jipprova jidentifika ta' min hu permezz tal-Pulizija.

- Il-KLM jinsab iddiżappuntat ferm għall-aġir tal-Pulizija għaliex ma sibniex ko-operazzjoni minn għandhom fil-każ ta' inċident li seħħ il-ġimgħa li għaddiet fejn **trakk waqqa' ħafna ħamrija fil-by pass** u ma tteħdux passi.

- Dwar l-applikazzjoni tal-***Cat Feeders*** mad-Dipartiment Gvern Lokali u dik tar-**restawr tan-niċċa** mal-GAL Xlokk, se nkomplu nsewgu l-każijiet. Madankollu intqal illi fl-inħawi taċ-ċimiterju hemm xi skips li huma maqlubin u qed jintlemħu xi ġrieden viċin il-post fejn in-nies qed jitimgħu il-qtates.

- Owen Sciberras ikkummenta wkoll fuq l-**iskips li qed jitħallew fi Triq tas-Sejba**. Is-Sindku qal illi tkellem ma' Infrastruttura Malta dwar il-possibilita' li din il-parti tat-triq terġa' tingħalaq u qed ikun kollox ikkordinata mal-MIA.

- Jonathan Dingli għamel talba għal-**lampa ġdida** fi Triq il-Barrieri ma' post li jinsab kantuniera ma' Triq il-Ħarriġiet.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Magħmula minn | Anthony Bonello u approvati llum<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv | 5.12.19 minn | Omar Farrugia<br>Sindku |